## Pjan ta’ lezzjoni tal-kitba għall-istudenti tal-ħiliet bażiċi

**Is-Suġġett:** Il-Familja

**L-Għanijiet:**

- L-istudenti jiġbru kliem relatat mal-famija.
- L-istudenti jitgħallmu jispellu l-kliem li jkunu ġabru.
- L-istudenti jagħrfu jużaw dan il-kliem f’kuntest differenti.

(N.B. Din il-lezzjoni tista’ tinfirex fuq 2 lezzjonijiet)

**Introduzzjoni:** Fuq il-bord tintwera stampa ta’ familja biex l-istudenti jgħidu min huma l-membri tal-familja u b’hekk joħorġu bil-kliem muftieħ, ngħidu aħna, mara, raġel, tifel, tifla, tfal, aħwa, ħu, oħt, ulied, familja.

**L-ewwel pass:** Il-kliem muftieħ jinkiteb fuq leħħiet li jintużaw biex l-istudenti jitgħallmu jispellu l-kliem. L-ewwel jitgħallmu jispellu l-kelmiet ‘mara’ , ‘raġel’ u ‘tifel’ peress li fihom żewġ sillabi jew ‘ħu’ u ‘oħt’, billi fihom sillaba waħda u mbagħad il-kelma ‘familja’ li fiha tliet sillabi u fl-aħħar il-kelmiet ‘tfal’ u ‘tifla’ li għalkemm fihom sillaba waħda jew tnejn għandhom żewġ konsonanti ħdejn xulxin.

**It-tieni pass:** Lill-istudenti titqassmilhom silta qasira marbuta mat-tema tal-familja, li tinqara mill-għalliem/a flimkien mal-istudenti bl-għajnuna tal-LSAs.

**It-tielet pass:** L-istudenti jintalbu jisiltu mis-silta l-kliem muftieħ li jkunu tgħallmu u jaqtgħu sing taħtu.

**Ir-raba’ pass:** Terġa’ tintwera l-istampa tal-familja li ntweriet fil-bidu u l-istudenti jintalbu jispellu l-kliem minn fuq il-leħħiet u wara jwaħħlu l-istess leħħiet mal-istampa skont għal min qed tirreferi kull kelma.

**Il-ħames pass:** Tingħata karta tat-taħriġ b’silta qasira differenti minn dik li qraw fil-bidu biex l-istudenti jimlew l-ispazji l-vojta bil-kliem muftieħ li tgħallmu fil-lezzjoni. B’dan il-mod l-istudenti juru li tgħallmu jużaw dan il-kliem f’kuntesti differenti.

**Għeluq:** L-istudenti jintalbu jużaw dawn il-ħames kelmiet jew aktar b’mod orali u/jew miktub, ngħidu aħna, joħolqu sentenza/i qosra dwar il-familja fl-istampa jew ikomplu sentenza/i dwar l-istess familja jew familji oħra.

***Pjan ta’ lezzjoni magħmul mill-għalliema Aurele Gafà, Ruben Farrugia u Stephen Lugermo.***

*Riżorsi*

omm

missier

familja

aħwa

tifel

tifla

tfal

mara

raġel

ħu

oħt

ulied

